*-dritt t'aċċess għall- Qorti*

*-Art 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni*

*-Threshold għal access għall-Qorti tad-Droga*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 24 ta' Mejju, 2021.**

**Referenza Kostituzzjonali Numru 293/20GM**

**Il-Pulizija (Ass. Kumm. Dennis Theuma)**

**vs**

**Andre` Falzon**

**Sean Farrugia**

**Il-Qorti:**

Din il-proċedura hi waħda li qiegħda ssir in segwitu ta' riferenza kostituzzjonali

li saret lil din il-Qorti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) permezz ta' digriet tagħha tas-27 ta` Novembru 2020.

Fl-4 t'Ottubru 2009, Andre` Falzon u Sean Farrugia kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużati li wettqu, fost reati oħra, reati in konnessjoni ma' pussess u traffikar ta' droga kannabis u kokajina. L-imputati ġew misjubin ħatja tal-akkużi miġjubin kontrihom b'sentenza tal-istess Qorti tad-9 ta' Novembru 2012. Andre` Falzon ġie kkundannat għal piena ta' 6 snin priġunerija effettiva u multa ta' €4,000. Sean Farrugia ġie kkundannat għal piena ta' 5 snin priġunerija u multa ta' €4,000. Huma appellaw mis-sentenza. L-appellanti talbu lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga skont Art. 8 tal-Kap 537. Permezz ta' digriet tat-13 ta' Novembru 2019 dik il-Qorti irriteniet li fost ir-rekwiżiti biex tkun tista' tilqa' t-talba tal-appellant kien hemm li l-ammont ta' droga mertu tal-każ ma jkunx jeċċedi dak indikat fil-linja gwida li tinstab fir-Raba' Skeda tal-Kap 101. L-ammont ta' kważi 684 grammi kannabis ta' purita` ta' 5.5% li kien instab fil-pussess tal-appellanti kien jeċċedi l-ammont ta' 300 gramma stabbilit fl-istess Skeda u għalhekk ċaħditilhom it-talba.

Andre` Falzon talab li ssir riferenza kostituzzjonali.

B'digriet tas-27 ta` Novembru 2020, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) laqgħatlu t-talba u għamlet referenza lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi is-segwenti:

> *'Jekk l-akkużat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi lez d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan billi qed jinholoq pregudizzju għalih meta l-Att numru 1 tal-2015 kif sussegwentment emendat,*

*fejn allura għandu jsib applikazzjoni wkoll fi stadju ta' revizjoni, jeskludi l-applikazzjoni favur tiegħu tal-piena favorevoli u dan meta huwa jkun ġie iġġudikat mill-qrati inferjuri għalkemm l-ammont ta' droga mertu tal-kaz jeċċedi l-limitu ndikat fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.*

Fir-risposta tiegħu għar-riferenza, l-Avukat tal-Istat issottometta illi:

Il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti m`għandha x`taqsam xejn mal-jedd għal-smigħ xieraq kif kontemplat bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

L-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi ukoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku.

Bhala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita` tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm *equality of arms* bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

Is-smigħ xieraq jiddependi mill-*iter* proċesswali adoperat fil-kuntest ta' persuna li tkun għaddejja minn proċeduri kriminali. Ma kien hemm xejn fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti tal-Appell

Kriminali li seta' jwassal għal leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq tar-rikorrent. F'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma ntwera li sar xejn li s'issa jixhed li r-rikorrent ġarrab jew sejjer iġarrab xi ksur ta' smigħ xieraq minħabba xi irregolarita' fil-proċedura adoperata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Għandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li r-referenza odjerna provokata mir-rikorrent ma taqa' taħt l-ebda wahda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġie trattat b`mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq. Anzi, jirrizulta li l-partijiet għandhom aċċess ugwali għall-Qorti, u kull parti għandha l-opportunita` li tressaq il-każ tagħha.

Il-Kap 537 tal-Liġijiet ta` Malta, li ġie introdott fis-sena 2015, jagħti l-possibilita li persuna akkużata b`reati kontra l-liġijiet ta` droga u li tissodisfa l-kriterji li jsemmi l-artikolu 8(1) tal-istess Kap, tkun tista' tagħmel talba sabiex il-Qorti penali tassumi l-funzjoni ta` Qorti dwar id-Droga. Fost dawn il-kriterji hemm li l-kwantita' ta' droga nvoluta hija tali li ma teċċedix l-ammont li għalih hemm riferenza fir-Raba' Skeda tad-Dangerous Drugs Ordinance (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u ċioe' ma jeċċedix l-ammont ta' 300 gramma kannabis u 100 gramma herojina u kokaina. Kjarament din il-liġi ma tapplikax għal kulħadd u f`din l-istess ħin hemm imniżżel ċar x`inhuma l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Ir-rikorrent jidher li qajjem din il-lanjanza kostituzzjonali għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali tagħtu digriet li kien sfavorevoli għalih. F`dan il-każ ir-rikorrenti għamel rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u fid-diskrezzjoni u fis-sapjenza tagħha dik il-Qorti ddeċidiet li tiċħad it-talba tar-rikorrenti permezz tad-deċizjoni tat-13 ta` Novembru 2020. Assolutament m`hemm xejn li jilleddi xi jedd fundamentali tar-rikorrent b`dan kollu. L-ammont ta' droga in kwistjoni jeżorbita l-ammonti ndikati fil-Linji Gwida tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta dan ifisser li irrispettivament minn kwalunkwe lment li r-rikorrent għandu fir-rigward tal-applikabbilita` tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u d-digriet

suriferit, l-applikazzjoni tal-Kapitolu 537 huwa eskluż. Il-leġislatur għandu kull dritt li jistabilixxi *thresholds* u linji gwida u f`dan il-kaz dehrlu li l-linji gwida għandhom ikunu dawk li nsibu fir-Raba' Skeda fil-Kap 101.

Il-fatt illi ġiet introdotta liġi ġdida li m'hijiex disponibbli għar-rikorrent u li b'applikazzjoni tagħha, ir-rikorrent seta', f'każ illi l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, jirċievi piena differenti, ma jilledix id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Id-dritt għal smigħ xieraq ma jipprovdix għal xi garanzija li persuna li tkun wettqet reat tibbenifika minn tibdil fil-liġi li sseħħ wara li l-persuna tkun ġiet iġġudikata bħal ma qiegħed jippretendi r-rikorrent fil-każ odjern.

L-esponenti jissottometti li ċertament bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att bl-ebda mod ma ġie leż id-dritt ta' smigħ xieraq garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni u dan peress li r-reat o meno ta' persuna akkuzata b'delitt tigi kristallizzata fil-mument taż-żmien meta r-reat ġie mwettaq. Il-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali testendi biss u ġustament biex tiżgura li persuna li twettaq il-fatt kriminali jkollha l-għarfien li dak il-fatt li jkollha ħsieb li twettaq u effettivament twettaq ikun jikkostitwixxi reat skont il-liġi penali f'dak iż-żmien u li għal tali kommissjoni l-persuna tkun ser tkun passibbli għal ċertu parametri ta' piena (ara **Victor Micallef vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tal-1 ta' Ottubru 1996 li ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001.

Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom jinsab mixli r-rikorrent hija ċara u dan naturalment jinkludi wkoll il-parametri tal-piena jekk ir-rikorrenti jinsab ħati. F`dan il-każ jirriżulta li r-rikorrent tpoġġa taħt akkuża abbażi tal-provvedimenti tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli li tagħhom instab ħati u l-piena għal dawn ir-reati kienu jeżistu kemm fil-mument meta twettaq ir-reat kif ukoll fil-mument meta ħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu. Dan ifisser li r-rikorrent fl-ebda stadju ma ġie espost għall-piena aktar severa mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien illi ġie magħmul. Fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li huwa qed jingħata l-garanziji kollha li jridu dawn l-artikoli u m`hemm xejn li jindika li r-rikorrent kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji.

Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti m`huwiex qiegħed iġarrab vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

Rat il-kopja esibita tal-proċess penali relattiv.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Kap 537 ġie ppromulgat fis-sena 2015 "*Biex jipprovdi għat-trattament ta' persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga.*" Biex il-leġislatur iwettaq dan l-għan – u jipprovdi trattament minflok jimponi priġunerija - l-Art. 8(1) tal-istess Kap jipprovdi li, meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Qorti tista' toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(*a*) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(*b*) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(*ċ*) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Kif tajjeb spjegat l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-provvediment tas-27 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu għamlet it-talba għal riferenza, "meta Qorti tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibgħat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, f'każ li l-Bord jiddikjara lill-persuna akkużata ħielsa mid-dipendenza fuq id-droga, il-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija biex b'hekk il-persuna misjuba ħatja tibbenefika minn piena inqas gravuża u ċjoe` waħda alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni".

Andre` Falzon jissottometti li: (i) jissodisfa l-kundizzjonijiet (a) sa (ċ). L-uniku ostaklu għalih biex ikollu aċċess għall-Qorti dwar id-Droga hu t-threshold ta' 300 gramma. (ii) Fil-fatt huwa kien ko-akkużat ma' persuna oħra li kellhom fil-pussess tagħhom 600 gramma, u, jekk wieħed jagħmel apporzjonament, xorta ma jeċċedix l-ammont stabbilit. (iii) Il-limitu ta' 300 gramma huwa wieħed impost b'mod arbitarju mil-leġislatur, b'mod li anke jekk wieħed jaqbżu bi ftit, jitlef il-benefiċċju tal-aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Il-Qorti Kriminali għandu jkollha d-diskrezzjoni li tevalwa ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u mhux ikollha jdejha marbutin bi kriterju artifiċjali.

Ikkunsidrat:

Il-Kap 537 ġie ppromulgat fil-15 t'April 2015 u ċjoe` madwar 6 snin wara li ġie kommess ir-reat; madwar 3 snin wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-

mori tas-smigħ tal-appell minn dik is-sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Minkejja dan, jidher li dan il-Kap xorta jista' jiġi applikat għal Andre` Falzon kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kriterji meħtieġa taħtu.

Dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi hu jekk wieħed minn dawn il-kriterji, u ċjoe` l-limitu ta' 300 gramma mpost mil-leġislatur, huwiex wieħed arbitrarju u artifiċjali u allura jiksirlu d-dritt għal smigħ xieraq billi jeskludih minn access għal Qorti li tista' tagħtih piena iktar favorevoli.

Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ma jagħtux garanzija espliċita ta' dritt t'aċċess għal Qorti. Din il-garanzija iżda tista' titqies impliċita fl-istess disposizzjonijiet għaliex ikun bla siwi li jkollok kull garanzija ta' smigħ xieraq waqt proċeduri ġudizzjarji jekk l-aċċess tiegħek għall-Qorti jkun imbarrat. B'danakollu mhux kull limitazzjoni għall-aċċess lill-Qorti jsarraf fi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan id-dritt mhuwiex wieħed assolut u huwa suġġett għal limitazzjonijiet. Il-Qorti ta' Strasburgu tgħid li min-natura tiegħu stess, dan id-dritt jiġi regolat mill-Istat, u jista' jvarja skont il-post u ż-żmien skont il-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-komunita` u tal-invividwu.[1] L-Istat għandu marġini t'apprezzament meta jagħmel regolamenti bħal dawn, imma l-limitazzjonijiet m'għandhomx ikunu tali li jġibu fix-xejn l-essenza tad-dritt involut. Barra minn hekk, limitazzjoni titqies inkompatibbli jekk ma jkollhiex għan leġittimu jew jekk ma jkunx hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi użati u l-għan li jrid jiġi milħuq.[2]

Fil-każ quddiem din il-Qorti, it-*threshold* impost mil-liġi hu marbut mal-kwantita` ta' droga. Il-leġislatur jiddistingwi bejn ammonti żgħar ta' droga u ammonti ikbar u jagħti l-benefiċċju ta' trattament minflok pieni iktar ħorox lil min ikun inqabad b'ammonti żgħar. Il-Qorti tasal biex taqbel li l-leġislatur

---

[1] Golder v UK, 21 ta' Frar 1975

[2] dawn il-kriterji hemm min isejjħilhom l-*Ashingdane principles*, għaliex ġew stabbiliti fis-sentenza *Ashingdane v UK,* 28 ta' Mejju 1985. Ara Karen Reid, A Practitioner's Guide to The European Convention on Human Rights, 5th ed. (2015) paġna 128; William A. Schabas, The European Convention on Human Rights, A Commentary (2015) paġna 285

qiegħed jiffissa x'inhu ammont żghir permezz ta' kriterju "artifiċjali". Imma r-regoli tal-liġi huma kollha kemm huma "artifiċjali" fis-sens li ma jinstabux fin-natura. Huma maħluqin mil-leġislatur li jista' wkoll ibiddilhom minn żmien għall-ieħor. B'daqshekk iżda ma jfissirx li l-iffissar ta' *threshold* ikun wieħed arbitrarju. Il-leġislatur f'dan il-każ dehrlu li kellu jaqta' linja biex jiddistingwi bejn ammonti żgħar u ammonti kbar ta' droga. Kellu kull dritt jaqta' linja biex jagħti benefiċċju lil min jippossjedi ammonti żgħar ta' droga, iżda mhux ukoll lil min jippossjedi ammonti kbar. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fil-forma ta' aċċess liberu u effettiv għal Qorti ma jfissirx li kulħadd għandu d-dritt jaċċedi għal kull Qorti, imma dritt għal aċċess għal Qorti disponibbli għax-xorta ta' reat li jkun akkużat bih. It-*threshold* inħolqot proprju biex taqta' linja ċara u netta. Kien ikun hemm arbitrarjeta` li kieku jsir kif jippretendi Andre` Falzon u ċjoe` li kieku l-leġislatur ma qata' l-ebda linja bejn ammont żgħir u kbir ta' droga u ħalla kollox f'idejn il-Qorti. Huwa intuwittiv li, speċjalment fil-kamp penali, il-Qrati għandhom japplikaw il-liġi skont kriterji ċari u netti u mhux skont id-diskrezzjoni soġġettiva tagħhom. Tant hu hekk, li ċ-ċertezza legali (*legal certainty*) hi meqjusa bħala limitazzjoni aċċettabbli għad-dritt t'aċċess lill-Qorti[3]. Il-Qorti lanqas ma tara kif din it-*treshold* tpoġġi limitazzjoni li m'għandhiex għan leġittimu inkella li mhix raġonevoli u proporzjonali għall-għan li għalih ġiet stabbilita.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti **ma ssibx** li l-akkużat qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan billi qed jinħoloq preġudizzju għalih meta l-Att numru 1 tal-2015 kif sussegwentment emendat, fejn allura għandu jsib applikazzjoni wkoll fi stadju ta' reviżjoni, jeskludi l-applikazzjoni favur tiegħu tal-piena

[3] Tricard v France ECtHR 10 ta' Lulju 2001, ara Peter van Dijk et., Theory and Practice of The European Convention on Human Rights, 5th ed. 2018, paġna 556

favorevoli u dan meta huwa jkun ġie ġġudikat mill-qrati inferjuri għalkemm l-ammont ta' droga mertu tal-każ jeċċedi l-limitu ndikat fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Spejjeż a kariku ta' Andre` Falzon.

Kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA